## Il-Kunsill Mediku jniedi l-Gwidi dwar l-Valuri Professjonali u Kapaċita' tal-Prattika li jirrigwardjaw lill-Istudenti tal-Mediċina u id-Dentistrija



Ritratt mill-lemin: Dr. Marianne Lauri (Pro Rettur ghall-Affarijiet tal-Istudenti), Professur Godfrey Laferla (Dekan tal-Mediċina u Kirurġija), Dr. Pierre Schembri Wismayer (Kap Dipartiment tal-Anatomija), Dr. Doreen Cassar (Membru tal-Kunsill Mediku), Dr. Alex Magri (Membru tal-Kunsill Mediku), Dr. Paul Soler (Membru tal-Kunsill Mediku), Dr. Michael Boffa (Membru tal-Kunsill Mediku), Is-Sur Jacob Vella (President tal-Assoċjazzjoni tat-Tobba Studenti) u s-Sur Jan Degoirgio (President tal-Assoċjazzjoni tad-Dentisti Studenti)

Waqt ċeremonja li saret fl-Iskola Medika, fl-Isptar Mater Dei, l-Kunsill Mediku nieda uffiċjalment il-Gwidi dwar Valuri Professjonali u Kapaċita' tal-Prattika li jirrigwardjaw lill-Istudenti tal-Mediċina u tad-Dentistrija. Dan il-ktejjeb ġie ppreżentat lid-Dekan tal-Mediċina u Kirurġija, lid-Dekan tad-Dentistrija u lill-Presidenti tal-Assoċjazzjonijiet tal-Istudenti Tobba u Dentisti.

Ir-rwol tal-Kunsill Mediku huwa dak li jissalvagwardja l-valuri u l-integrita tal-professjonijiet tat-tobba u tad-dentisti, kif ukoll id-drittijiet u s-sigurta tal-pazjenti. Waqt l-avveniment kien emfasiżżat li l-professjonaliżmu kien ilu jintiret bl-attitudni u karratteristiċi eżemplari mill-professjonisti ta' qabel.

L-ghan tal-Kunsill Mediku huwa li l-istudenti jibdew jitgħallmu minn kmieni l-etika u l-iżvilupp professjonali fit-triq tagħhom biex isiru professjonisti. Kien ukoll emfasiżżat li l-għalliema tat-tobba u tad-dentisti għandhom jkunu xempju f'dan il-qasam biex jgħinu lill-istudenti fit-triq lejn il-professjonaliżmu u sabiex jintegraw dawn il-Gwidi fil-kurrikulum kemm formali kif ukoll informali.

Il-Fakultajiet tal-Iskola Medika, kif ukoll ir-rapprezentanti tal-istudenti, kienu ghalhekk imħeġġa biex iqassmu dawn il-Gwidi lill-istudenti kollha, kemm dawk li diġa bdew il-korsijiet, kif ukoll dawk li ser jidħlu fis-snin li ġejjin.

Dan id-dokument jista' jiġi aċċessat mill-'website' tal-Kunsill Mediku
*https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/regulatory_councils/medical_council/medical_council.aspx*

Svetlana Cachia
Reġistratur
Kunsill Mediku